IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 06**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kumitat iltaqa` nhar**<br>**L-Erbgħa 5 ta' Diċembru 2014 fil-5.00 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |
| ** | **Preżenti għal-Laqgħa:** | Attendenza |

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B05**

| | | |
|---|---|---|
| 1.01 | Il-minuti tas-seduta nru B05 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B05 |
| **2.00** | **Punti li joħorġu mill-Minuti B05** | Punti li joħorġu mill-Minuti B05 |
| 2.01 | 2.01 Iċ-Ċerpersin ippreżenta fuq il-mejda l-lista tat-toroq li jridu jitniżżlu fid-dokument tal-offerta għall-qtugħ ta' ħaxix mit-toroq rurali. Il-Kumitat qabel unanimament ma' din il-lista. | Ħruġ ta' sejħa għall-offerti għall-qtugħ ta' ħaxix |
| 2.02 | 2.07 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li l-*on-site visit* mal-perit ser issir nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru 2014. | Ħajt fl-Imtaħleb |
| 2.03 | 3.02 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li dan ix-xogħol ta' manutenzjoni ser isir nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru 2014. | Xogħol ta' manutenzjoni bil-konkos fi trejqa f'tas-Sirena |



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

2.04 4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-pulizija għandhom bżonn stima tal-ħsara li saret fuq din it-triq. Għaldaqstant il-Kumitat iddeċieda li ċ-Ċerpersin jitkellem mal-perit sabiex issir *on-site visit* biex tkun tista' titħejja stima tal-ħsara.

Rapport lill-pulizija dwar ħsara mwettqa' fuq il-wiċċ tat-triq tal-Ġnien tan-Nigra

** Is-Sur Anġlu Portelli daħal għal-laqgħa fil-5.15 p.m.

2.05 4.08 Is-Sur George Attard informa l-laqgħa li għal-laqgħa dwar il-*Windrose Project* attendew hu u l-Viċi Ċerpersin Paul Galea. Huwa informa l-laqgħa li l-organizzaturi ta' dan il-proġett għandhom jibagħtu d-dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill.

Talba għal laqgħa dwar *Windrose Project*

## 3.00 Komunikazzjoni mill-membri

3.01 Iċ-Ċerpersin ippropona li titwaħħal bozza ġdida fuq arblu eżistenti f'Wied Rini. Huwa informa l-laqgħa li din il-bozza diġà ġiet approvata mill-Korporazzjoni Enemalta. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-Kumitat qabel unanimament.

Bozza ġdida f'Wied Rini

3.02 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/0612/04, Iċ-Ċerpersin ippropona li titwaħħal bozza ġdida ma' arblu eżistenti f'Wied il-Bużbież. Huwa informa l-laqgħa li din il-bozza diġà ġiet approvata mill-Korporazzjoni Enemalta. Issekonda din il-proposta s-Sur Anġlu Portelli. Il-Kumitat qabel unanimament.

Bozza ġdida f'Wied il-Bużbież

3.03 Is-Sra Marthese Cortis infurmat il-laqgħa li ġiet avviċinata mir-residenti tal-Għemieri dwar l-istat diżastruż li tinsab fih din it-triq. Hija staqsiet jekk hux possibbli illi ż-żona tal-Għemieri tiżdied mal-lista ta' toroq li ser isiru mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-applikazzjoni għal dawn il-fondi saret mill-gvern u għaldaqstant il-Kumitat Amministrattiv m'għandux awtorità jżid jew jibdel xi toroq minn din il-lista.

L-istat diżastruż ta' Triq l-Għemieri

3.04 Is-Sur Anġlu Portelli informa l-laqgħa li x-xogħol dwar il-proġett tad-drenaġġ fil-Baħrija beda.

Bidu tal-proġett tad-drenaġġ

## 4.00 Korrispondenza

4.01 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/1796/14, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-MTA ġibdulna l-attenzjoni dwar il-ħmieġ li hemm fil-ġenb tat-triq il-prinċipali tal-Baħrija, viċin it-triq li tagħti għall-Kunċizzjoni. Huma qed jiġbdulna l-attenzjoni wkoll dwar it-tabella tal-Merħba Baħrija li tinsab imkissra, kif ukoll dwar it-tabella li tindika d-direzzjoni għall-Kunċizzjoni u għall-Baħrija, liema tabella tinsab maqlugħa.

Tabella Merħba Baħrija u tabella tad-direzzjoni għall-Kunċizzjoni u l-Baħrija

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dwar it-tabella tal-Merħba Baħrija, hija kienet diġà infurmat lill-HSBC, li huma l-*isponsors* uffiċjali ta' dawn it-tabelli, sabiex jerġgħu jisponsorjaw din it-tabella.

Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li t-tabella tad-direzzjoni għall-Kunċizzjoni u għall-Baħrija diġà twaħħlet.

5.00 **Materiji Oħra**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera, il-Kumitati Amministrattivi u l-Amministrazzjoni tal-Kunsill ser issir nhar il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2014 ġewwa l-Lukanda Canifor, il-Qawra fit-8.00 p.m. Ikla tal-Milied

**6.00** **Data tas-seduta li jmiss**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 14 ta' Jannar 2015 fil-5.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-5.55 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa 14 ta' Jannar 2015

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**